**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 78**

18 ta' Ġunju 2024

It-tmienja u sebgħin (78) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 78.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

78.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

78.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAL-EWWEL KWART TAS-SENA 2024**

78.2.1. Is-Sindku VB ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024.

78.2.2. Il-Kunsill approva dan ir-rapport b'mod unanimu.

78.3 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI AWDITJATI 2022**

78.3.1. Is-Sindku VB ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Awditjati tas-sena 2022.

78.3.2. Il-Kunsill approva dan ir-rapport b'mod unanimu.

78.4 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI**

78.4.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 61/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

78.4.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u ssekondata mill-Kunsillier JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

78.4.2. Is-Sindku għamel referenza għal xi pagamenti li jridu jinħarġu relatati mal-applikazzjoni tal-Cleanup Day pjanata li ssir is-Sibt 14 ta' Settembru. Huwa qal li dawn ma humiex fl-iskeda iżda hu mitlub li jiġu approvati biex tiġi sottomessa u aċċettata l-applikazzjoni. L-ispejjeż stmati li jammontaw għal madwar €1340. Il-Kunsill qabel.

78.5 **TMIEM IL-LAQGĦA**

78.5.1. Il-laqgħa intemmet fis-14:18.

**Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv